MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Avviz Numru. 44/2009

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**JTC Company Ltd (C41878)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' disa t'elef, sitt mija u hamsa u sittin euro u disa u erbghin centezmu (€9665.49), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut minn JTC Company Ltd lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilu mill-istess Mobisle Communications Limited fix-xhur bejn is-sena 2007 u 2008, u dana in segwitu ta', u skond Client Contract No 1018341.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru 2008,u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat

kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet kontra is-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-12 ta' April 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €9665.49 bl-imghax legali mit-30 ta' Ottubru 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru 2008 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tas-26 ta' Jannar 2009 imsemmi fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------